MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 19/2012

**FREDERICK ATTARD**

**Vs**

**MALTA INTERNATIONAL AIRPORT p.l.c.**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 2148 deciza mit-Tribunal Industrijali fis-07 ta' Mejju 2012, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti t' dan il-kaz u jibda' biex jghid li aspett importanti huwa l-aspett diskriminatorju li r-rikorrenti qieghed jallega. Jigi dikjarat illi minn jallega irid jipprova u sta ghar-rikorrenti li jipprova li huwa gie diskrimat jew vittimmizzat.*

*It-Tribunal irid jara l-istampa kollha u mhux il-kaz biss tar-rikorrenti. It-Tribunal irid jara jekk xi impjegati ohra fl-istess grad inghataw xi trattament aktar favorevoli mir-rikorrenti. It-Tribunal qieghed jaghmilha cara illi dak li gie miftiehem u iffirmat mal-Unions jorbot il-haddiema kollha. Dak il-ftehim kollettiv ma giex imwaqqfa u ma giex dikjarat xolt minn xi Qorti jew Tribunal kompetenti li huwa null jew bla effett u ghalhekk it-Tribunal huwa kostrett li jaccetta il-ftehim kollettiv bhala wiehed vinkolanti bejn MIA u il-Unions u l-haddiema irrispettivament jekk il-Unions jirrapprezentaw il-haddiema kollha jew le. Din hija l-Ligi, apparti l-fatt illi il-ftehim kollettiv kien u ghadu hemm. Ukoll r-rikorrenti jirrikonoxxi il-ftehim kollettiv ghax fit-talbiet tieghu talab li l-agir tas-socjeta intimata tmur kontra l-Ligi u l-Ftehim Kollettiv.*

*Ir-rikorrenti ma jistax jallega li gie kolpit hazin mill-Ftehim Kollettiv u b'hekk tilef xi drittijiet tieghu. Tajjeb jew hazin ir-rikorrenti irid joqghod ghal dak li gie miftiehem. L-aktar haga importanti hija l-allegazzjoni li trid tigi ippruvata jekk r-rikorrenti inghata trattament individwali li poggietu f'posizzjoni ghar minn haddiema ohra fl-istess grad tieghu.*

*It-Tribunal jhoss illi r-rikorrenti ma inghatax xi trattament diskriminatorju fil-konfront tieghu. Ir-rikorrenti inghata l-istess kundizzjonijiet li inghataw il-haddiema kollha specjalment dawk li kienu mal-Gvern u inqalbu mal-MIA fosthom is-seniority, zammew il-pensjoni tat-tezor, gie trattat l-istess bhal haddiema l-ohrajn fuq il-leave u s-sick leave, ha l-istess beneficcju bil-life insurance policy, inghata l-opportunita sabiex japplika ghall-vacancies interni. Jirrizulta illi l-haddiema tat-technical division biss hadu z-zieda.*

*It-Tribunal ghalhekk jikkonkludi illi l-MIA ma mexiex b'mod diskriminatorju fil-konfront ta' Frederick Attard rigwardanti il-kundizzjonijiet tax-xoghol u dan minhabba il-fatt li dak li gie offrut lilu jew dak il-kundizzjonijiet tax-xoghol li jista' jkun tilef gew applikati fil-konfront ta' kullhadd u gew miftuha fi ftehim kollettiv.*

*Issa baqa ghat-Tribunal jinvestiga jekk sar xi trattament diskriminatorju jew jekk giex vittimmizzat fil-konfront tar-rikorrenti met twaqqaf mix-xoghol tax-shift u inghata xoghol tal-gurnata b'hekk tilef ix-shift allowance ecc.*

*Fl-ewwel lok it-Tribunal jaghmilha cara illi mhuwiex dritt ta' impjegat li jezigi li jahdem bix-shirt. Ghalkemm f'dan il-kaz jidher illi kien hemm xi Memorandum of Underderstanding dan gie sorvolat bil-ftehim kollettiv li dan il-ftehim kollettiv ma baqax jirrikonoxxi dan il-Memorandum of Understanding.*

*Ghalhekk it-Tribunal irid jara jekk dan it-tibdil ta' xoghol huwa rizultat ta' xi trattament diskriminatorju jew vittimizzazzjoni fih innifsu.*

*It-Tribunal jirrikonoxxi illi kien hemm xi dizgwid mar-rikorrenti u s-CEO. Zgur li mhix xi haga pjacevoli li wiehed jitressaq kriminalment specjalment minn xi impjegat tieghek. Il-fatt huwa li s-CEO accetta li kellu jhallas lir-rikorrenti dak li kien dovut lilu u b'hekk gie terminta il-kas.*

*It-Tribunal ihoss li l-Management ghandu diskrezzjoni jara li jnaqqas l-ispejjes tal-kumpanija u jorganizza il-haddiema fl-ahjar mod. It-Tribunal mhuwiex konvint li x-xoghol tax-shift huwa wiehed li bil-fors ir-rikorrenti irid jaghmlu bix-shift. Fin-natura tieghu ix-xoghol amminstrattiv li r-rikorrenti qieghed jaghmel ma jfissirx li bil-fors irid jaghmel ix-shift. Ghalhekk it-Tribunal tenut kont tad-dizgwid li kien hemm u minkejja li kien hemm dan id-dizgwid ma jhoss li r-rikorrenti gie trattat b'mod diskriminatorju jew gie vittimmizzat.*

***<u>Decizjoni</u>***

*It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet koncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebit, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra n-noti ta' sottomissjonijiet jichad it-talbiet tar-rikorrenti billi jiddikjara illi l-kumpanija intimata ma rrenditx ruhha hatja ta' trattament diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti l-anqas ma vvittimizzat lill-Frederick Attard u lanqas l-agir tas-socjeta intimata ma marret kontra l-Ligi u jew l-Ftehim Kollettiv.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jichad dan l-appella bl-ispejjes kontra l-istess.*

*Ghal finijiet tal-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros u sbatax il-centezmu (euros 93.17).*"

Bl-appell minnu introdott fil-konfront ta' din id-decizjoni, Fredrick Attard iressaq is-segwenti aggravvji fejn jilmenta:

1. Illi essenzjalment t-Tribunal kien żbaljat meta iddikjara illi "min jallega jrid jipprova u sta għar-rikorrent li jipprova li huwa ġie diskriminat jew vittimizzat." Dan ghaliex l-*onus probandi* f'kawzi ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xoghol jistrieh fuq minn ihaddem u cioe' fuq is-soċjeta intimata appellata, u dan kif jirriżulta mill-*Council Directive 2000/78/EC* tas-27 ta' Novembru 2000. U f'dan il-kaz is-socjeta appellata ma irnexxilhiex tiskariga dan l-oneru minn fuq spallitha.

2. Illi t-Tribunal ikkonkluda erronjament illi meta huwa tħallas dak li kien dovut lilu ghal perijodu taz-zmien meta kien gie sospiz mix-xoghol b'nofs paga, ġie terminat il-każ. L-appellanti jgħid illi kien minħabba l-fatt illi huwa kien beda proċeduri oħra kontra l-Malta International Airport kemm penali kif ukoll civili u rebaħhom illi huwa ġie 'ippenalizzat' u tneħħa minn fuq is-sistema ta' *shift* u tpoġġa fuq *day duties*.

3. Illi t-Tribunal ikkonkluda ħażin meta qal li kienu l-ħaddiema tat-*technical division* biss li ħadu ż-żieda ta' elf lira Maltija. Huwa jgħid illi kien huwa biss li ma ħax din iż-żieda. Lanqas ma hu korrett meta jinghad illi kienu s-*senior technical officers* biss li kellhom dritt għal din iż-żieda iżda kienu s-*senior officers* ukoll.

4. Illi kien erroneju ukoll it-Tribunal meta ikkonkluda li mhux dritt ta' impjegat li jesiġi li jaħdem bis-*shift*. L-appellanti isostni illi l-MIA kienet marbuta li tiżgura x-xoghol bix-*shift* tal-ħaddiema permezz tal-*Memorandum of Understanding* milhuq mal-Gvern ta' Malta fis-27 ta' Novembru 1991 meta l-ajruport ghadda minn idejn il-gvern ghall-privat. U ghalhekk ma setax il-ftehim kollettiv gdid ihassar dak stipulat fl-imsemmi *Memorandum*.

5. Illi t-Tribunal kien ukoll żbaljat meta ikkonkluda illi mhuwiex konvint li x-xogħol assenjat lill-appellanti necessarjament irid isir bix-*shift* billi huwa ghandu l-kariga ta' Senior Officer mas-socjeta appellata fis-sezzjoni Operations u dana fuq bazi ta' erba u ghoxrin siegha (24/7), li allura bil-fors jirrikjedi s-sistema tax-*shift*.

Is-socjeta appellanti twiegeb ghal dana l-appell billi tissolleva l-irritwalita tal-istess u dan ghaliex tishaq illi l-appell tar-rikorrenti mhuwiex ibbazat fuq vjolazzjoni jew applikazzjoni falza ta' punt jew principju ta' dritt u allura il-jedd ghall-appell mhux moghti abbazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Tishaq illi taht il-pretest li jigi ezaminat xi punt ta' dritt in konnessjoni mat-tkeccija tal-appellanti huwa qieghed jitlob lil din il-qorti ta' revizjoni sabiex terga' taghmel apprezzament mill-gdid tal-fatti rimessi ghall-gudizzju tat-Tribunal.

Illi l-**artikolu 82 (3) tal-Kap 452** jistipula illi:-

"Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi."

*"...tinsorgi minnufih il-problema jekk jaqax fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti ta' revizjoni li tirrivisita l-fatti tal-kawza quddiem it-Tribunal, taghmel ri-valutazzjoni taghhom, u, jekk inhu l-kaz, tissostitwixxi d-diskrezzjoni gudizzjali tat-Tribunal b'dak taghha;"*

Din il-qorti kif diversament ippresjeduta kompliet hekk:

*"Pretest bhal dan ma jistax jattira lejh ir-revizjoni ta' l-apprezzament ta' fatt li jkun sar mit-Tribunal. L-invers kien ikun il-kaz kieku s-socjeta` appellanti wriet li jezisti punt ta' ligi jew li t-Tribunal ikun skorrettement enuncja principju tal-ligi, ghax allura f'kaz bhal dan il-Qorti tkun tista' tirrevedi l-apprezzament maghmul in bazi ghall-ipotesi skorretta tal-ligi;*

*Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghal "punt ta' ligi", irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt.*

*Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati, u mhux, sempliciment, kif inhu l-kaz ukoll hawnhekk, proponibbli f'kollegament mad-deduzzjoni illi t-Tribunal ma ghamelx indagini sewwa tal-kawza tal-licenzjament."* (**App.Inf Kenneth Vella vs Seabank Catering Co.Ltd deciza 23/05/2008**)

Illi fl-ewwel gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti l-appellanti jishaq illi t-Tribunal ma applikax dak imfassal fil-Council Directive 2000/78/EC tas-27 ta' Novembru 2000, kif tramandata fil-ligi taghna fir-regolament 10 tal-

Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95 li jitkellem dwar persuni li, bħall-appellanti, jallegaw li kienu soġġetti għal trattament diskriminatorju.

Is-s**<u>ubregolament 3 tar-regolament 10</u>** (Trattament Ugwali fl-Impjieg) jistipula:

***"Fil-proċeduri kollha msemmija fis-subregolamenti (1) u (2), meta persuni li jikkunsidraw lilhom infushom milquta ħażin minħabba li l-prinċipju ta' l-ugwaljanza fit-trattament ma jkunx ġie applikat lilhom jistabbilixxu, quddiem il-Qorti jew it-Tribunal Industrijali, fatti li minnhom wieħed jista' jippresumi li kien hemm xi diskriminazzjoni diretta jew indiretta, il-konvenut irid jipprova li ma kien hemm ebda ksur tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza fit-trattament matul is-smiegħ ta' l-ilment, u l-Qorti jew it-Tribunal Industrijali għandu jilqa' l-ilment jekk il-konvenut ma jipprovax li huwa ma jkunx ikkommetta dak l-att illegali."***

L-appellanti jilmenta allura illi t-Tribunal kien żbaljat meta iddikjara illi l-*onus probandi* kien fuqu meta stqarr: "*min jallega jrid jipprova u sta għar-rikorrent li jipprova li huwa ġie diskriminat jew vittimizzat*" u dan billi tali affermazzjoni tmur kontra l-principju tad-dritt stabbilit fis-sub-regolament hawn fuq indikat u dan ghaliex kien jispetta lis-socjeta appellanti tipprova illi bil-fatti migjuba 'il quddiem minnu ma kienx sehh trattatment diskriminatorju fil-konfront tieghu.

Illi ghalkemm dan l-ewwel aggravvju huwa postulat fuq punt ta'dritt, irid jinghad illi indirettament joqlot l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal li ikkonkluda illi l-appellanti ma rnexxielux jistabilixxi għas-sodisfazzjoni tat-Tribunal fatti li minnhom wieħed seta' jippresumi li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu. L-appellanti jilmenta illi huwa beda jircevi dan it-trattament diskriminatorju wara li ha passi legali u gudizzjarji kemm

penali kif ukoll civili kontra s-socjeta appellata u dana sabiex huwa jircevi hlas dovut lilu ghal-perijodu taz-zmien fejn huwa kien sospiz mix-xoghol b'nofs paga pendenti investigazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu, li irrizultaw infondati. Ighid illi wara dan huwa tnehhielu ix-xoghol bix-*shift* li kien intitolat ghalih u dana skont il-*Memorandum of Understanding* milhuq bejn il-gvern u id-dirigenti tal-ajruport fl-1991. Ukoll isostni illi huwa ma hax iz-zieda bhas-Senior Technical Officers ohra meta tnehhielu x-*shift duty* u ghalhekk gie iddiskriminat. Minn dan johrog ghalhekk illi l-appellanti qieghed jibbaza l-agir diskriminatorju fuq zewg binarji u cioe' billi fl-ahhar imsemmi kaz irid isir '***eżerċizzju ta' paragun bejn, almenu, żewġ gruppi ta' fatti jew ċirkostanzi***[1]'. Jiġifieri it-trattament li irċieva l-appellanti irid jiġi ipparagunat ma' grupp ta' fatti (kummissjonijiet jew ommissjonijiet) fit-trattament li huwa ircieva u li dawn jigu ipparagunati ma' grupp ta' fatti oħra ippruvati riferibbli għall-persuna jew persuni oħra. Filwaqt illi fl-ewwel kaz, trid tigi determinata il-kwistjoni dwar il-jedd o meno li ghandu min ihaddem li jimmodifika l-mansjoni ta' l-impjegat tieghu minn dik originarjament miftehma (u cioe' li jitnehhielu il-jedd ghax-xoghol bix-shift).

Illi ghar-rigward ta' dan l-ahhar aspett gie ritenut illi:

"**Jidher li hu prevalenti l-hsieb ta' dawk li jirritjenu bhala gustifikat dik il-modifikazzjoni jew *jus varjandi* minhabba esigenzi organizzattivi, "purke` dejjem il-modifikazzjoni jew varjazzjoni tkun rikjesta genwinament u in bona fede mill-esigenzi obbjettivi ta' l-impriza" ("Richard Anthony Matrenza -vs- Joseph Attard Kingswell *nomine*", Appell Civili, 3 ta' Frar, 1969). Tali modifikazzjoni, meta hekk verament necessitata, u basta wkoll mhux f'mansjoni inferjuri ghal grad tieghu ma tidherx li tikkostitwixxi ksur tal-principju tal-parita` ta' trattament.**[2]"

---

[1] **<u>Rose Anne Galea Vs L-Onorevoli Prim Ministru Et, QK, 11/04/1995</u>**

[2] Paul Borg vs APS Bank Limited deciza App.Inf 26/03/2010

Illi huwa dan allura li kien jenhtiegilha tipprova s-socjeta appellata u dan b'osservanza tar-regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja hawn fuq iccitata. Illi mill-kumpless tal-provi u l-apprezzament maghmul mit-Tribunal (u li mhux sindikabbli minn din il-Qorti) johrog bhala fatt illi kien fil-poter tas-socjeta appellata illi tvarja din il-kundizzjoni ta' impieg iktar u iktar billi dak miftiehem fil-*Memorandum of Understanding* gie sorvolat permezz ta' Ftehim Kollettiv gdid li laqat mhux biss lil-appellanti izda lill-impjegati kollha tal-kumpanija, sabiex b'hekk l-appellanti ma setax jilmenta minn trattament ta' disparita'.

Illi imbaghad ghar-rigward taz-zieda moghtija lis-Senior Technical Officers (Terminal) meta tnehhielhom ix-*shift duty*, johrog mill-atti istruttorji illi l-appellanti ma huwiex impjegat fl-istess klassi ta' impieg billi huwa mhuwiex impjegat fis-sezzjoni teknika izda f'dik tal-Operations u kwindi ma inholqitx lanqas f'dan il-kaz sitwazzjoni ta' disparita bejn l-istess klassi ta' haddiema meta ipparagunati flimkien.

Dan premess allura l-Qorti hija tal-fehma illi l-appellanti ma rnexxielux jipprova fatti li jindikaw illi huwa sofra trattament differenti dirett jew indirett, sabiex imbagħad l-oneru tal-provu jinqaleb għal fuq is-soċjetà appellanti sabiex tistabbilixxi illi dan il-fatt ma holoq l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tal-impjegat taghha. Per ezempju ma iressaqx provi li jindikaw illi x-xoghol li jaghmel hu necessarjament irid isir permezz ta' *shift duties* u ma jistax isir kollu matul il-gurnata, tali ghalhekk biex l-agir tal-kumpanija illi tnehhielu ix-*shift duties* kellha sinjifikat ulterjuri ta' tpattija. Fil-fatt lanqas hemm indikaturi fl-atti processwali ta' ness bejn il-bidliet fil-manzjonijiet ta'l-appellanti u il-kazijiet li hu kellu precedentement mal-kumpanija. Ghalhekk, l-ewwel aggravju ma jistax ireggi għaliex, minkejja kif korrettament jgħid l-appellanti l-*onus probandi* kien jinkombi fuq is-soċjeta appellata, skond is-s**<u>ubregolament 3 tar-regolament 10</u>**, pero dan isseħħ biss wara illi l-appellanti ikun irnexxielu jistabilixxi fatti li

minnhom wieħed jista' jippresumi li kien hemm xi diskriminazzjoni. Fuq kollox l-istess appellanti lanqas ma jindika f'dan il-gravam fejn fil-fehma tieghu is-socjeta appellata naqqset fl-obbligu impost fuqha.

Sorvolat dan l-aggravvju, huwa bil-wisq evidenti illi l-impunjattiva l-ohra senjalati mill-appellanti fl-appell minnu interpost jikkonsistu unikament minn kritika lejn l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal biex wasal ghall-konkluzjoni illi ma kienx hemm diskriminazzjoni fil-konfront tieghu.

***"Ma jistax ikun dubitat illi t-Tribunal ghandu dawk l-attribuzzjonijiet u funzjonijiet gudizzjarji specjali espressament rizervati lilu bil-Kapitolu 452. Naturalment huwa veru li fl-espletament ta' dawn l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet it-Tribunal ma jistax jinjora certi regoli fondamentali izda daqstant iehor huwa veru wkoll illi ghal dak li huwa apprezzament tal-fatt dedott dan huwa mholli b' mod esklussiv fil-kompetenza ta' l-istess Tribunal. Ghaldaqstant id-decizjonijiet tat-Tribunal, ghal dawk li huma kwestjonijiet u konkluzjonijiet ta' fatt, huma finali u ma jistghux jigu riveduti jew censurati minn din il-Qorti. Kieku kien xort' ohra l-legislatur ma kienx ikollu ghalfejn jillimita statutorjament id-dritt ta' appell ghal punt ta' ligi biss[3]."***

Minn ezami tas-sentenza appellata, jirriżulta illi t-Tribunal ghamel gudizzju ta' apprezzament dwar x' kienu l-elementi fattwali li wassluh ghall-konvinciment illi s-soċjetà appellata ma rrendietx ruħha ħatja ta' trattament diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti appellanti. Materja din essenzjalment wahda ta' fatt u fiha nfisha ma kienet timporta generalment ebda punt ta' ligi. *Una volta* dan hu hekk il-kaz, is-sentenza mhix censurabbli minn din il-Qorti. Li jfisser allura li l-aggravji kollha sottomessi ma jaqgħux taht id-dispost ta' l-Artikolu 82(3) tal-Att

[3] (Appell Inf 8/2004 **Peter Spiteri vs Xuereb Glass Co. Ltd. deċiża 10 ta' Ottubru, 2005)**

imsemmi billi ma hemm ebda punt ta’ ligi li fuqu jista’ jirpoza. Konsegwentement, ferma din il-konsiderazzjoni, il-pregudizzjali mqanqla mis-soċjetà appellata hi gustifikata u l-appell allura ghandu jitqies irritu u null.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------